26 ta' Marzu, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

**Antonio Gatt** *versus* **Maria Grazia Borg (*)**

**Appalt — Obligazzjoni Indiviżibili — Art. 1154 tal-Kodiċi Ċivili.**

***Jekk il-ħaġa jew il-fatt li jkun l-oġġett ta' l-obligazzjoni jista' minnu nnifsu jinqasam, imma l-mod li bih dik il-ħaġa jew dak il-fatt jkunu tqiesu fl-obligazzjoni ma jkunx jippermetti li l-eżekuzzjoni ta' l-obligazzjoni ssir biċċa biċċa, dik l-obligazzjoni hija ndiviżibili.***

***Għaldaqstant, jekk fil-konċessjoni ta' appalt tkun ġiet pattwita somma ta' flus bħala kumpens għall-appaltatur għax-xogħol kollu li***

*hu jkun assuma li jeżegwixxi, dak l-appaltatur ma jistax jippretendi l-ħlas ta' parti minn dik is-somma meta jkun eżegwixxa biċċa mill-appalt, imma huwa biss intitolat li jitlob is-somma kollha meta jkun eżegwixxa l-appalt kollu.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti opportuni, peress li l-konvenuta, bis-saħħa ta' kirografu li jġib id-data ta' l-10 ta' Awissu 1948, inkarikatu biex jibnilha fond urban Bormla, Bull Street, nru. 45, l-ema fond kien distrutt bl-effett ta' l-aħħar gwerra, u bil-patt li l-ispejjeż kollha li kellhom ikunu meħtieġa kellu joħroġhom provviżorjament l-attur; u peress li l-istess konvenuta, in virtù ta' l-imsemmi kirografu, ippromettiet u obligat ruħha li żmien għaxart ijiem mill-konsenja taċ-ċwievet u mill-approvazzjoni da parti tal-perit direttur, kellha tħallas lill-attur is-somma tat-3% fuq l-ammont totali li kellu jiġi jiswa x-xogħol, u dan sabiex tikkompensah tat-telf ta' l-imgħax fuq il-kapitali li kellu joħroġ "de proprio" għall-akkwist tal-materjal u għall-pagi ta' l-impjegati tiegħu, u in vista li l-isborżi kellhom ikunu ta' ammonti rilevanti, u in vista tal-fatt li l-War Damage Commission iddum ma tħallsu tal-kumpens lilu dovut, u anki fil-previżjoni li l-attur kellu jinkorri f'ħafna taħbit għall-akkwist tal-materjal u biex jinkassa l-imsemmi kumpens; u peress li l-imsemmi fond ilu lest minn kollox u tajjeb għall-abitazzjoni aktar minn sentejn ilu, u l-perit direttur, jiġifieri l-Arkitett u Inġinier Ċivili Leone Ganado, ma għamel ebda rimarka, sija fil-kwalità tal-materjal kemm ukoll fl-eżekuzzjoni tax-xogħol; u peress li x-xogħol kollu għar-rikostruzzjoni ta' l-imsemmi fond, jiġifieri mano d'opera u materjal, laħaq komplessivament £2843, peress li l-attur irċieva dak l-ammont mill-War Damage Commission f'sitt rati, ċjoè £500, £750, £500, £500 oħra, £65, u £528, u l-perċentwali fuqhom tat-3% tikkorrispondi għal £85. 5. 10; talab li l-konvenuta tiġi kundannata tħallas lill-attur is-somma ta' £85. 5. 10 għall-kawżalijiet fuq indikati; bil-lukri legali minn

(*) Konfermata fl-Appell fis-26 ta' Ġunju, 1953.

notifika ta' dana l-att sal-pagament totali u *effettiv*. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-31 ta' Mejju 1952; liema konvenuta għandha tibqa' inġunta għas-subizzjoni;

*Omissis*;

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita intempestivi à ta' l-azzjoni;

Illi l-konvenuta tibbaża dina l-eċċezzjoni fuq li x-xogħol ta' l-appalt mogħti *lill-attur għadu mhux lest* kollu;

Illi in forza ta' l-iskrittura tal-10 ta' Awissu 1948 (fol. 5) il-konvenuta kienet tat lill-attur l-appalt biex jirrikostruwixxi ż-żewġ fondi urbani, kompletament demoliti bil-ħidma tal-għadu fl-aħħar gwerra, u li jinsabu Triq il-Baqar sive Bull Street, u li kellhom in-numri 43 u 44, b'dana li l-ispejjeż meħtieġa joħroġhom provviżorjament l-attur, b'awtorizzazzjoni li *jdaħħal* kwalunkwe ammont dovut għal dina l-ħsara mill-War Damage Commission; u ġie wkoll miftiehem li l-konvenuta tħallas lill-attur it-tlieta fil-mija fuq l-ammont totali li jiġi jiswa x-xogħol skond il-kontijiet approvati mill-perit direttur; u dana l-ħlas kellu jsir żmien għaxart ijiem minn mindu l-attur jikkunsinnalha ċ-ċwievet ta' l-imsemmijin fondi u x-xogħol ikun pjenament approvat mill-perit; u dana l-ħlas kellu jsir sabiex l-attur jiġi rikompensat tat-telf ta' l-imgħax fuq *il-kapitali li hu joħroġ* għall-akkwist tal-materjal u x-xogħol, in vista tal-fatt li s-somom li kien sejjer joħroġ kienu rilevanti, u l-Kummissjoni tista' ddum ma tħallsu, kif ukoll bħala kumpens għat-taħbit sew *għall-akkwist* tal-materjal u għax-xogħol, sew biex jinkassa l-flus li jkun ħareġ. Fl-aħħarnett ġie stipulat li ż-żewġ fondi kellhom ikunu lesti żmien ħmistax-il xahar mill-ġurnata li jkun ġie mogħti l-aħħar permess mill-awtorità kompetenti;

Illi fin-nota tagħha fol. 32 il-konvenuta ssottomettiet li l-obbligazzjoni naxxenti mill-imsemmija skrittura hija indiviżibili, u għalhekk l-attur ma jistax jippretendi l-perċentwali stipulata qabel ma jkunu lesti minn kollox iż-żewġ fondi li kellu jirrikostruwixxi. Mill-banda l-oħra l-attur, fin-nota tiegħu fol. 35, sostanzjalment jippretendi li l-perċentwali għandha titħallas, għaliex il-fond li għalih qiegħed jitlobha huwa lest, u ma għandux jistenna li jlesti l-fond l-ieħor biex idaħ-

ħal il-perċentwali kollha;

Illi, f'din il-kontestazzjoni, id-dmir tal-Qorti huwa li tinterpreta u tara x'kienet l-intenzjoni komuni tal-partijiet meta saret l-iskrittura fuq riferita, u l-iskop li huma kellhom meta stipulaw il-perċentwali in kwistjoni;

Illi, fortunatament, dawn iż-żewġ elementi jirriżultaw ċari mil-iskrittura. Difatti l-partijiet kienu ftehmu dwar l-imsemmija perċentwali (a) bħala kumpens għall-imgħax li kien sejjer jitlef l-attur fuq il-kapitali rilevanti li kellu joħroġ fl-imsemmi appalt, (b) u bħala rimunerazzjoni għat-taħbit tiegħu fl-akkwist tal-materjal u fix-xogħol, u għat-taħbit giex jinkassa l-flus li jkun ħareġ. Dina l-volontà komuni l-partijiet urewha għaż-żewġ fondi, tant li l-perċentwali tithallas fuq l-ammont totali tax-xogħol kollu, u fi żmien għaxart ijiem minn mindu l-attur ikun ikkunsinna lill-konvenuta ċ-ċwievet taż-żewġ fondi. Fl-aħħarnett, huma għamlu wkoll il-kondizzjoni li x-xogħol taż-żewġ fondi jkun ġie approvat mill-perit direttur, u li l-ħlas tal-perċentwali jsir fuq il-kontijiet approvati minnu;

Illi, apparti l-kwistjoni riżoluta mill-Giorgi jekk, biex tingħata obligazzjoni indiviżibili, hux meħtieġ il-konkors ta' pluralità ta' kredituri jew ta' debituri (Obbligazioni, Vol. I, §§ 233 u 238) — ħaġa li fil-każ tagħna ma tirrikorrix — ta' min jirrileva li, skond l-art. 1154 (Kodiċi Ċivili), "l'obligazzjoni hija indiviżibili jekk, għalkemm il-ħaġa jew il-fatt li jkunu l-oġġett tagħha, jistgħu minnhom innifishom jinqasmu, il-mod li bih din il-ħaġa jew dan il-fatt ikunu tqiesu fl-obligazzjoni ma jkunx jippermetti l-eżekuzzjoni ssir biċċa biċċa". Issa, għad li l-perċentwali fiha nnifisha, bħala somma ta' flus, hija ħaġa diviżibili, kif però kkontemplawha l-kontraenti fl-imsemmija skrittura saret ħaġa indiviżibili; għar-raġunijiet hawn rilevati:—

1. Hija ġiet stipulata b'riferenza għaż-żewġ fondi, li fl-iskrittura ma jidhru qatt imsemmijin separati minn xulxin;

2. Iż-żmien miftiħem għall-ħlas ta' dina l-perċentwali ġie stipulat b'riferiment għaż-żewġ fondi, u ġie fissat għal

għaxar ijiem mill-konsenja taċ-ċwievet taż-żewġ fondi lill-konvenuta;

3. Anki ż-żmien ta' ħmistax il-xahar ġie stabbilit biex jitlestew iż-żewġ fondi;

4. U anki wara li ż-żewġ fondi jkunu lesti, il-perċentwali ma kellhiex titħallas qabel ma x-xogħol kollu jkun pjennament approvat mill-perit direttur;

5. Jekk imbgħad wieħed iħares lejn l-iskop tal-perċentwali, isib li dina kellha sservi biex tirrikompensa lill-attur tant ta' l-imgħax fuq il-kapitali li kellu joħroġ kemm għattaħbit tiegħu — kapitali u taħbit li għad ma spiċċawx, billi x-xogħol mhux lest kollu;

Illi l-attur fil-bidu nterpreta bħala indiviżibili dina l-*obligazzjoni, meta, b'ittra uffiċjali* tal-31 ta' Mejju 1952 (fol. 16 u 34), ippretenda l-ħlas ta' £114, ekwivalenti għall-perċentwali fuq il-valur taż-żewġ fondi flimkien;

Illi, "ex admissis", ix-xogħol mhux lest kollu, u għad li l-fond nru. 45 u 46 Bull Street, Cospicua (dak li għalieh il-lum qegħedha tintalab il-perċentwali) huwa lest, il-fond l-ieħor nru. 43 u 44 fl-istess trieq joħqsu ħafna biex ikun lest.........;

Illi taħt dawna ċ-ċirkustanzi timmilita wkoll kontra l-pretensjoni ta' l-attur id-dispożizzjoni ta' l-art. 1199 (Kod. Ċiv.), li ma jippermettix lid-debitur li jħallas (fis-sens ġuridiku u komprensiv ta' adempiment ta' l-obligazzjoni skond l-art. 1189 tal-Kodiċi ċitat) parti biss mid-dejn tiegħu, u, fil-każ tagħna, li jlesti parti biss mix-xogħol ta' l-appalt;

Illi, ladarba ma avverawx ruħhom il-presupposti għall-ħlas tal-perċentwali, l-attur ma jistax jippretendiha għal issa, u konsegwentement l-azzjoni eżerċitata hija intempestiva;

Għal dawna r-raġunijiet;

Tiċħad it-talba, billi tillibera l-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż.